TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 76

KAZ NRU. 92

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sur Michael Abela
u
Messrs CMP Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 18 ta' Novembru, 1980

Chairman : C.J. Mallia

B'ittra tas-27 t'April, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura irriferiet lil dan it-Tribunal, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet hawn fuq imsemmija. Il-kwistjoni hija dwar tkeccija tas-Sur Michael Abela mill-impieg li kellhu bhala Labourer mal-Kumpanija CMP Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. Il-partijiet kienu s-Sur Michael Abela, assistit mis-Sur Mark Ciangura, u d-ditta CMP Ltd., rapprezentata mis-Sur Louis Grech Sant, Chairman u Managing Director, u s-Sinjuri Joseph u Anthony Grech Sant (ahwa), Diretturi. Mit-tielet seduta d-ditta kellha wkoll l-assistenza tas-Sur Alfred Mallia Milanes.

3. Seduti u xhieda. Inzammu erba' seduti biex instemgha l-kaz u biex instemghu wkoll dawn ix-xhieda:

/2. .....

Imsejjhin mill-applikant Mr. Abela

Is-Sur Dominic Abela, missier l-applikant.
Is-Sur Carmel Abela, hu l-applikant.
Is-Sur Joseph Grech Sant, Direttur tas-CMP.
Is-Sur Arthur Miceli, Officer i/c Inspectorate Section, Labour Department.

Imsejjhin mid-ditta CMP Ltd.

Is-Sur Joseph Farrugia, tal-hanut COSTA.
Is-Sur Louis Grech Sant, Chairman tas-CMP.
Is-Sur Anthony Grech Sant, Direttur tas-CMP.
Is-Sur Michael Abela, l-applikant.

4. Statements of Case

L-applikant, Mr. Michael Abela, jghid li, meta rega' lura ghax-xoghol wara sitt ijiem sick leave, il-principal ma riedx jirrikonoxxi c-certifikat mediku li Mr. Abela pproduca u anqas ried ikellem lill-Labour Office meta dawn cemplulu. Ghalhekk is-Sur Abela jghid li hu allura mar ma missieru biex ikellmu lis-Sur Anthony Grech Sant, izda dan hadhom hazin u ma riedx jittratta maghhom. Anzi, meta l-kliem tkompla go l-ufficcju tad-ditta, is-Sur Anthony Grech Sant, skond is-Sur Abela, qallu li hu (Abela) mkecci. Is-Sur Michael Abela gibed ukoll l-attenzjoni tat-Tribunal ghal fatt li c-certifikat ta' temm ta' mpieg, iffirmat mis-Sur Anthony Grech Sant, jghid li Mr. Abela kif ukoll missieru nsultaw lis-Sur Grech Sant dwar it-tmexxija tas-CMP Ltd.

Id-ditta, CMP Ltd., tghid li s-Sur Michael Abela gie mkecci fit-2 ta' April, 1980, wara sensiela ta' ncidenti li ma hallew ebda triq ohra lill-kumpanija. Jghidu li kien ifalli hafna, isemmu dati ta' assenza fix-xhur kollha ta' l-1979, u jzidu li gie li kien barra fuq iz-ziemel meta jkollu certifikat li ma jistax imur ghax-xoghol. Jghidu

li meta kienu jirrimarkawlu fuq dan huwa kien jirreagixxi b'mod pastas u arroganti; li hu kien ghajjar Direttur quddiem in-nies; u li hu kien gie mwissi kemm il-darba dwar tnikkir fuq ix-xoghol, u ma kienx lest jghin lill-haddiema l-ohra meta jkun spicca mix-xoghol tieghu.

5. Xhieda. Nissommarizzaw fil-qosor il-punti saljenti li hargu mix-xhieda, fl-ordni kif instemghu wara xulxin:

(a) Mr Dominic Abela xehed li Mr. Anthony Grech Sant stqarr hu stess li kien nervuz.

(b) Mr. Carmel Abela qal li hu ra fit-triq lis-Sur Joe Grech Sant b'ghonqu kollu grif u dan qallu li ghamilulu huh (is-Sur Anthony Grech Sant) meta qabdu minn ghonqu u kien ser jifgah.

(c) Mr Joseph Grech Sant ammetta li huh Anthony weza l-vjolenza fuqhu billi girfu, u li dan kien gie li jigri. Taht kontro-ezami minn Mr. Louis Grech Sant, ix-xhud qal li lil Mr. Abela kienu jwissuh spiss fuq hafna affarijiet, imma billi ma kellhomx il-hsieb li jkeccuh ma kienux iwissuh bil-miktub u anqas quddiem xhieda. Zid li l-fatt li Mr. Abela ipprovoka direttur u tpastas quddiem in-nies huwa bizzejjed ghal tkeccija. Kienu jarawh juza l-van mhux ghalihom (biex jiehu tfal l-iskola, ghal xalati, eccetra). Kien ifalli u jarawh barra.

(d) Mr Joseph Farrugia tal-hanut COSTA qal li z-zewg nahat ghajjtu fil-hanut tieghu meta kien hemm nies barranin qed jixtru.

(e) Mr. Louis Grech Sant xehed li Mr. Abela kien ifalli spiss u jarawh barra. Il-van gie li raha mcappsa bid-demm, u jahsbu li Mr. Abela kien igorr il-klieb fiha ghall-glied.

... (f) Mr. Arthur Miceli tal-Labour Office ikkonferma li hu kien cempel lil Mr Anthony Grech Sant dwar ic-certifikat mediku li kien gieb Mr. Abela, izda Mr. Grech Sant ma riedx jisma' u ghalaq it-telefon.

(g) Mr. Anthony Grech Sant bil-gurament qal li Mr. Abela tkecca ghal tghajjir quddiem in-nies anke fuq il-familja. Cahad li hu qal li hu nervuz jew li kisser it-telefon kif allegat. Qal li Mr Abela ma kellux permess juza l-van wara x-xoghol, u ma giex mitlub jiehu l-klieb tieghu biex jghassu l-fabbrika. Ammetta li s-CMP ma kelliex "punch system".

(h) Mr. Michael Abela, ukoll bil-gurament, qal li hu kien ilu juza l-van ghal ghaxar snin bil-permess tad-ditta. Qal li d-dati msemmija mid-ditta kienu leave jew sick leave. Seta' kien li xi drabi kien barra waqt sick leave. Sa fejn jaf hu ma kienx ecceda l-leave jew sick leave. Huwa qatt ma nsulta lis-Sinjuri Grech Sant dwar it-tmexxija tas-CMP. Tfal ta' l-iskola kien irikkeb wiehed biss mit-triq tieghu, kif ukoll kien igib lura tfal tal-familja tas-Sinjuri Grech Sant.

6. Provi. Mill-kumpless tax-xhieda, johrog li Mr. Michael Abela ma kienx impjegat mill-ahjar u li s-Sinjuri Grech Sant ma kienux employers mill-ahjar. L-impjegat jidher li kien jiskarta, kien ifalli spiss, u ma kienx kooperattiv ma shabu u mas-sidien. Id-ditta tidher li ma kellix sistema ta' "punching", ma kelliex leave u sick leave stabbilit car, ma kelliex regoli ta' dixxiplina, kienet ila snin tistaporti imgieba mhux mill-ahjar, u fl-ahhar qabdet fuq dan l-incident ta' l-

/5. .....

ghajjat li fi kliema stess kien "the straw that broke the camel's back." Fost il-provi hemm ukoll id-Discharge Certificate esibit, li kien iffirmat mis-Sur Anthony Grech Sant u li jgib id-data tat-8 ta' April, 1980. Dan bhala "Reason for discharge from employment", jghid hekk:

> "On 2.4.80 insulted me in public (namely at Costa, 260 Republic Street), together with his father, regarding the running of CMF Ltd."

Din l-allegazzjoni ma gietx sostnuta u anqas ippruvata.

7. Osservazzjonijiet. It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tas-Sur Joseph Grech Sant li l-fatt li tipprovoka direttur u titpastas quddiem in-nies huwa bizzejjed ghal tkeccija, ghad li agir simili huwa nuqqas gravi li jista' jigi rregolat mir-regoli ta' dixxiplina kieku kienu jezistu. Recentement dan it-Tribunal kellu quddiemu aktar minn kaz wiehed fejn l-ahhar qatra fawwret il-garra u ggustifikat tkeccija. Izda dawn kienu kazi fejn gie ppruvat li kien hemm twissijiet kif jixraq.

8. Twissijiet. Twissijiet kif jixraq illum saru regola quddiem dan it-Tribunal. Ma tistax tkecci fir-rabja fuq incident wiehed, anqas jekk dan ikun jikkostitwixxi raguni tajba u bizzejjed kif jitlob l-artikolu 25 (10) ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952. Twissijiet (aktar minn wahda, l-ahjar li jkunu tlieta) l-ahjar li jsiru bil-miktub. Anzi huwa izjed tajjeb jekk l-impjegat li jkun qed jigi mwissi jigi mgieghel jiffirma kopja tat-twissija. Imma f'nuqqas ta' kitba t-twissijiet jistghu jinghataw bil-kliem, bis-serjeta', u quddiem xhud jew xhieda ta' certa rank. Anqas ma jista' t-Tribunal jaccetta bhala assoluzzjoni dak li xehed is-Sur Joseph Grech Sant li "billi ma kellhomx il-hsieb li jkeccuh ma

kienux iwissuh bil-miktub u anqas quddiem xhieda."
Dan il-kliem ifisser biss li dawk it-twissijiet li jinghad li saru kienu jghoddu biss ghal dak il-mument, u ma kellhom ebda valur ghal tkeccija eventwali. Nuqqasijiet bhal ma gew allegati, jigifieri,

assenteizmu,
non-kooperazzjoni,
li wiehed jidher barra fuq xoghol iehor meta "marid",
tnikkir fuq ix-xoghol,
uzu ta' van bla permess,
ghajjat, tghajjir, u arroganza,

dawn kollha difetti gravi meta jigu ppruvati u jistghu jimmeritaw passi dixxiplinarji, li fl-ahhar iwasslu anke ghal tkeccija. Imma tkeccija hija kastig estrem u serju hafna, u ma jistax isir, anke jekk l-istess haddiem jimmeritah bl-imgieba tieghu, minghajr twissijiet kif jixraq. Imissu ilu li wasal iz-zmien, mhux illum, li kull ditta li timpjega, kbira jew zghira, ikollha regoli dixxiplinarji maghrufa.

9. <u>Konkluzjonijiet.</u> Minn dak kollu li ntqal hawn fuq, li ntqal waqt it-trattazzjoni tal-kaz u mix-xhieda, u mid-dokumenti li gew esibiti, it-Tribunal jasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:

(1) Matul is-snin ta' l-impieg tieghu ma' CMP Ltd., is-Sur Michael Abela ghamel sensiela ta' nuqqasijiet li uhud minnhom kienu gravi u li lkoll flimkien jikkostitwixxu raguni tajba u bizzejjed ghal tkeccija.

/7. .......

(2) Id-ditta CMF Ltd. naqset li tittratta dawn in-nuqqasijiet bis-serjeta' u bil-forma mehtiega meta saru, u regghet naqset li taghti t-twissijiet mehtiega meta nqala' ncident li fil-fehma taghha kien bizzejjed ghal tkeccija.

(3) Ghalhekk it-tkeccija hija teknikament nulla.

10. AWARD. Izda t-Tribunal ma jhossx, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkun prattikabbli, skond l-artikolu 33 (1) (b) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, li min ghamel dan l-ilment jerga' jidhol fl-impieg li kellhu ma' CMF Ltd. Ghaldaqstant, taht l-artikolu 33 (2) ta' l-istess Att, ghal tkeccija teknikament biss hazina, it-Tribunal jordna l-ghoti minn CMF Ltd. lil Mr Michael Abela, bhala kumpens finali, tas-somma ta' £M50 (hamsin lira), kif ukoll hlas ta' sehem l-employer minn bolli ta' Sigurta' Nazzjonali, jekk il-kaz, ghal gimghatejn wara t-2 ta' April, 1980. Dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mit-28 ta' Novembru, 1980.

C.J. Mallia
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

18 ta' Novembru, 1980.

em